# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum 9 ta' Awissu 2001**

**Citaz.  numru:  2395/99 M4 NA**

**Edwina Trabelsi**

**vs**

**Mohammed Trabelsi**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tal-14 ta' Dicembru 2000 fejn titlob li tinghata l-kura u kustodja tat-tifel Omar.

Omar huwa t-tifel il-kbir mit-tlett itfal tal-kontendenti w il-kura u kustodja tieghu kienet giet fdata lill-konvenut/intimat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili.

Ghal dan ir-rikors saret risposta mill-intimat fit-13 ta' Marzu 2001.  Skond hu, bejn il-partijiet, kien intlahaq *modus vivendi*

fis-sens illi l-minuri kien issa qed ighix ma' ommu wara li huwa stess kien wera xewqa f'dan is-sens fil-waqt illi t-tlett itfal minuri kienu jmorru ghandu fil-*weekend*.  Skond hu, ghalhekk, kien il-kaz li l-kura u kustodja tat-tlett minuri tkun wahda konguntiva.

Ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghall-31 ta' Mejju 2001 fejn dehret l-attrici assistita w id-difensur ta' l-intimat li pero' ma deherx.  Xehdu f'din is-seduta Brian Magro, Social Worker u Father Savio Vella, ir-Rettur ta' St. Patrick's School.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa din ix-xhieda w ir-rapport li kien gie mhejji mis-Social Worker Magro flimkien mas-Social Worker l-iehor Raymond Dimech u effettivament sejra tikkonferma ufficjalment dak li kienet gia' ddikjarat li dehrilha kien l-interess suprem tal-minuri in kwistjoni fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2001 fuq imsemmija.  Il-kura u kustodja tal-minuri Omar ghalhekk qieghdha tigi fdata *pendente lite* lill-Istitut ta' St. Patrick's f'tas-Sliema, b'access favur l-omm bejn is-Sibt fid-9.00 a.m. sal-Hadd fid-9.00 a.m. fil-waqt illi fil-gurnata tal-Hadd bejn id-9.00 a.m. u s-6.00 p.m. ghandu jkollu access il-

missier. Il-Qorti thalli f'idejn l-Istitut ta' St. Patrick's li testendi l-hinijiet rispettivi favur jew l-omm jew il-missier fid-diskrezzjoni assoluta taghha dejjem tenut kont l-interess tal-minuri in kwistjoni.

Oltre dan din il-Qorti ma tistax tipprovdi f'dan id-digriet peress illi t-talba tirrigwarda biss il-minuri Omar. In kwantu ghall-kwistjoni ta' l-alimenti msemmija mill-istess Father Savio Vella fix-xhieda tieghu l-Qorti sejra tipprovdi f'rikors iehor (2395/99M3) bejn l-istess partijiet fejn din il-materja sejra tigi specifikatament ittrattata.

L-ispejjes huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.